# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2001**

**Numru : 42**

**Citaz. Numru : 219/01/RCP**

**CLT Hotel Services Ltd**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbat elef hames mija u hames Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm4505.70), ammont rapprezentanti hlas dovut ghal servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra ancillari suppliti gewwa l-lukandi Patricia Hotel u Seaside Hotel,

Sliema, mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta, skond ma jidher mill-istatements relattivi mahruga mill-istess socjeta' konvenuta, li kopja taghhom hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. A u Dok. B;

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet tonqos milli teffettwa l-pagamenti relattivi, u dan minkejja illi giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tikkundannaha illi thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' erbat elef hames mija u hames Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm4505.70) lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-Att, u interessi legali mid-dati li fihom gie rez is-servizz relattiv sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta:

1. Thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' erbat elef hames mija u hames Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm4505.70) lilha dovuta kif fuq premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, u interessi legali mid-dati li fihom gie rez is-servizz relattiv sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**27 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**27 ta' Frar, 2001**